Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 398/2016

Il-Pulizija

Spettur Maria Stella Attard

Vs

Dylan Zammit

Illum 23 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Dylan Zammit detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 101291 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-1 ta' Jannar, 2016 ghal habta ta' 03:3OHRS bil-vettura HBP 336 gewwa MARSA BY PASS (UNDER PEPSI BRIDGE), HAMRUN

1] Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f' post pubbliku iehor waqt li ma kontx f' kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15 A (1)).

2] Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f' post pubbliku wara li kkonsmajt tant alcohol li l-prporzjon tan-nifs, tad-demm jew ta' l-urina tkun izjed mill-limitu preskritt (Kap 65 Artiklu 15 B (1)).

Il-prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti rat illi l-akkuzi jirrizultaw ippruvati imma t-'test' huwa entro il-limiti stabiliti mill-ligi;

Peress illi ghalhekk l-akkuzi kif imressqa jirrizultaw ippruvati.

Sabet lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u;

Taghtu twiddiba.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 t' Awwissu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li:

a. Tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih; u

b. Tghaddi sabiex tirrevokaha u thassarha f' dik il-parti fejn lill-appellat kkundannatu ghal piena ta' twiddiba u minflok tirriformaha billi tinfliggi piena li hija fix-xorta jew kwantita' taghha dik kontemplata fil-Ligi ghar-reati li taghhom l-appellat gie misjub hati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi fl-20 ta' Lulju, 2016 l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest in kwantu l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx fix-xorta jew kwantita' taghha dik ikkontemplata fil-Ligi ghar-reati li taghhom l-appellat gie misjub hati;

llli l-appellat gie misjub hati taht l-artikoli 15 A (1) u 15 B (1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-piena li ghandha tigi moghtija lil persuna li tinstab hatja taht dawn l-Artikoli, tinsab prefissa fl-Artikolu 15 H tal-Kap 65. Dan l-artikolu jippreskrivi l-piena tassattiva tal-multa ta' mhux inqas minn elf u mitejn Euro jew ghal prigunerija ghal mhux izjed minn tlett xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien:

*15H. (1)* *Kull persuna li tikser xi disposizzjonijiet tal-artikoli 15 A u 15 B tkun hatja ta' reat u meta tinsab hatja ta' reat bhal dak jew ta' reat taht l-artikolu 15 E (4) tehel –*

*(a) fil-kaz tal-ewwel kundanna, multa ta' rnhux anqas minn elf u mitejn euro ( € 1,200 ) jew prigunerija ghal mhux izjed minn tlett xhur jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien;*

*(b) fil-kaz tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna ohra warajha multa ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) jew prigunenja ghal mhux izjed minn sitt xhur jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien.*

Illi b' kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, wiehed ma jistax jifhem kif, wara li hija sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih, hija kkundannatu biss ghal twiddiba meta l-Artikoli hawn citati taht il-Kapitolu 65, jippreskrivu espressament u minn tal-inqas piena pekunjarja jew ta' prigunerija. Huwa palezament evidenti li l-kundanna tad-twiddiba hija piena

ta’ natura kontrawenzjonali u ghalhekk mhux il-piena preskritta mill-Ligi ghar-reati li jaqghu taht l-Artikoli 15 A u 15 B tal-Kap 65.

In vista tas-suespost, huwa carissimu li l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Oorti ma kienitx fix-xorta jew kwantita’ taghha dik ikkontemplata fil-Ligi ghar-reati li taghhom l-appellat gie misjub hati, hekk li l-Ligi tikkontempla l-piena ta’ multa jew prigunerija, jew multa u prigunerija flimkien u mhux dik ta’ twiddiba. Fl-umli fehma tal-esponent, il-piena erogata mill-istess Qorti kellha tal-inqas (fil-minimu) tkun dik ta’ multa. Mill-provi prodotti irrizulta b’ mod car li l-appellat kien qed isuq il-vettura imsemmija waqt li kien taht l-influwenza tal-alkohol hekk kif evidenzjat mir-rizultat tal-Breathlyser test li mmarka 42.8 ug / 100 ml [meta l-limitu preskritt mill-Ligi huwa dak ta’ 35 ug / 100 ml] u ezebit a folio 6 tal-atti processwali. Filwaqt li hemm l-affidavit ta’ PS 135 Joseph Buhagiar (l-Ufficjal tal-Pulizija li waqqaf lill-appellat) bhala prova li propju dak il-hin l-appellat kien qed isuq il-vettura in kwistjoni. Infatti kienet l-Ewwel Onorabbli Qorti stess li sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih;

In vista tan-natura tar-reati dedotti kontra l-appellat, tali piena taht l-Artikolu 15 H tal-Kap 65, sservi ta’ deterrent sabiex l-istess appellat ma jergax jikser d-disposizzjonijiet fuq imsemmija. Huwa palezi li l-intenzjoni tal-legislatur kienet li f’ kazijiet bhal dawn fejn persuna tiddeciedi li ssuq u timmanuvra vettura waqt li tkun taht l-influwenza tal-alkohol, ghandha tigi kundannata piena li fix-xorta u l-kwantita taghha isservi ta’ deterrent effettiv sabiex l-individwu ma jergax jikkommetti tali reati, li huma meqjusin serji fl-ambitu ta’ reati stradali minhabba li potenzjalment jista’ jkollhom konsegwenzi sfortunatament tragici kemm ghax-xufier kif ukoll ghall terzi persuni ohra. Illi finalment skont il-Ligi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma seghtatx tghati piena ohra ghajr il-multa jew il-prigunerija.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena inflitta fuq l-appellat bl-aggravvju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx fix-xorta jew kwantita taghha dik ikkontemplata fil-ligi.

Jikkontendi l-appellant Avukat Generali illi l-piena ghall-ksur tar-reati ikkontemplati fl-artikoli 15A(1) u 15B(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, li dwarhom gie misjub hati l-appellat, hija dik prevista fl-artikolu 15H(1) li jippreskrivi piena tassattiva ta' multa ta' mhux inqas minn elf u mitejn ewro jew ghal prigunerija ta' mhux izjed minn tlett xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien u mhux dik tat-twiddiba – piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi d-difiza targumenta illi billi l-proporzjon ta' alkohol fin-nifs ma kienx jaqbez il-limitu preskritt bi tmien mikrogramma, allura kellu japplika dak dispost fil-proviso ghas-subartikolu 2 ta'l-artikolu 15H. Illi din il-linja difenzjonali madanakollu hija wahda fallaci billi l-proviso indikat mill-appellat japplika ghal piena stabbilita fis-sub-artikolu 2 u cioe' ghall-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan u mhux ghal piena prevista fis-subartikolu 1 ta'l-imsemmi artikolu tal-ligi. Issa gjaldarba l-Ewwel Qorti sabet htija ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-appellat u allura ghall-infrazzjonijiet kontemplati fl-artikolu 15A u 15B, l-piena applikabbli kellha tkun dik stabbilita fl-artikolu 15H(1).

Dan ifisser illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-ilment minnu ivventilat billi l-artikolu 15H(1) huwa car fid-dicitura tieghu meta jinghad:

*"Kull persuna li tikser xi disposizzjonijiet tal-artikoli 15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dak jew ta' reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel -*

*(a) fil-każ tal-ewwel kundanna, multa ta' mhux anqas minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew għal dik il-multa u*

*priġunerija flimkien."*

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u konsegwentement thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn

l-appellat Dylan Zammit gie ikkundannat twiddiba u canfira u minflok tikkundannah multa ta' €1200, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur